

## Mario u Magdalen Cucciardi

Mario u Magdalen Cucciardi huma koppja miżżewġa għal dan l-aħħar tmintax-il sena. Huma ġenituri ta’ żewġt itfal Leanne u Luke. Magdalen hija għalliema gradwata fl-iskola ta’ Santa Monica B’Kara. Hija kitbet diversi workbooks li ġew ippubblikati għall-istudenti kemm fis-suġġett tal-lingwa Maltija kif ukoll fl-Istudji Soċjali. F’dan is-Cd Magdalen ikontribwiet għall-għanja tal-Ispirtu s-Santu, talba li hi kienet kitbet fl-okkażjoni tal-Griżma tal-Isqof tat-tifla tagħha Leanne. L-istess talba ġiet addattata għall-kant minn Mario. Mario wkoll huwa għalliem iggradwat fl-edukazzjoni. Huwa għalliem u kap tad-dipartiment tal-PSD fil-Kulleġġ Sant’Injazju tal-Handaq, Ħal Qormi. Barra li għandu għal qalbu t-tagħlim, Mario jħobb ħafna l-mużika Kristjana kontemporarja. Huwa qaleb bosta għanjiet mill-Ingliż għall-Malti fosthom Bil-Qawwa ta’ Mħabbtek, Missier il-Ħolqien u oħrajn. Ħa sehem f’diversi Cd’s kemm ta’ Fr Karm Debattista u Andrew Cauchi bħala backing vocals. Ikanta f’diversi korijiet kemm f’Malta kif ukoll barra minn Malta. Minn sentejn ilu ’l hawn Mario kien mistieden u ħa sehem f’Youthfest Internazzjonali f’Medjugorje fejn kanta siltiet bil-Malti waqt l-istess Youthfest. Huwa jieħu ħsieb il-Kor tal-Parroċċa ta’ Ħ’Attard Mary’s Angels flimkien ma’ Magdalen. Dan l-aħħar ukoll tħajjar li jitgħallem il-pjanu u t-teorija tal-mużika fejn għadu kemm ta l-eżami tal-Grade 2 mat-tfal tiegħu stess! Mario kien ukoll student tas-St Francis School ta’ Bormla fejn dak iż-żmien kienu jgħallmuh bosta sorijiet fosthom Sr Guliva Mifsud. Il-familja Cucciardi bħalissa hija membru tal-kor Santa Monika tal-Mosta mmexxi minn Sr.Benjamina Portelli.